# Qorti tal-Magistrati (Malta)
# Bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali

## Magistrat Dr. Doreen Clarke LL.D.

**Illum 3 ta’ Frar 2018**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Jonathan Ransley)**

**vs**

**Stacey Spiteri**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmija Stacey Spiteri u detentrici tal-karta ta’ l-identita’ bin-numru 354991M

Akkuzata talli:

1. F’ xi hin nhar il-31 ta’ Jannar, 2018 minn gewwa Triq Balbi Marsa kkommettiet serq ta’ portmoney u/jew oggetti ohra ghad-detriment ta’ Charmaine Formosa u/jew persuni ohra, liema serq huwa aggravat bix-xorta tal-haga misruqa, liema ammont ma jeccedix is-somma ta’ mitejn u tnejn u tletin euro u erbgha u disghin centezmu (€232.94);

2. U aktar talli f' xi hi nhar l-1 ta' Frar, 2018 minn gewwa Stephen Court, Blk E, Flat 1, Triq is-Snajja' Msida kkommetiet serq ta' flus kontanti ghad-detriment ta' Louis Charles Tommy Goudin u/jew persuni ohra, liema serq huwa aggarvat bil-valur, bil-persuna u bil-lok, liema ammont jeccedi s-somma elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37).

Rat li waqt l-udjenza mizmuma llum minn din il-Qorti bhala Qorti Struttorja l-imputata ammettiet l-imputazzjonijiet migjuba kontra taghha u kkonfermat din l-ammissjoni taghha anke wara li l-Qorti tatha zmien tikkunsidra l-pozizzjoni taghha.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-atti processwali.

Ikkunsidrat

Illi l-imputata ammettiet l-imputazzjonijiet migjuba kontra taghha; din ghalhekk hija sodisfacjentement pruvata.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li taghhom qed tinstab hatja l-imputata minn-naha u min-naha l-ohra l-koperazzjoni taghha mal-pulizija, l-ammissjoni f'l-aktar stadju bikri ta' dawn il-proceduri u l-fedina penali netta taghha. Hadet in konsiderazzjoni ukoll il-bzonn ta' ghajnuna li ghandha l-imputata biex teghleb il-vizzju tad-droga.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti,  wara li rat l-artikoli 261(c)(d)(e)(g) 267, 268, 269 u 271 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib l-l-imputata hatja ta'l-imputazzjonijiet migjuba kontra taghha u b'applikazzjoni ta'l-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta qed tpoggiha taht ordni ta' probation ghal perjodu ta' tlett snin bil-kundizzjonijiet elenkati f'l-ordni mghoti kontestwalment inkluz dik li tibda u tkompli sa tmienu programm ta' riabilitazzjoni mil-vizzju tad-droga.

Il-Qorti tordna notifika ta' din is-sentenza lid-Direttur ta'l-ufficju tal-Probation u tordna li l-atti kollha ta' dan il-process flimkien ma' kopja tas-sentenza jintbaghtu lill-Avukat Generali fiz-zmien li trid il-Ligi.

**DR. DOREEN CLARKE**
**MAGISTRAT**